



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14195/23

ENV 1121
CLIMA 474
FIN 1056
COMPET 991
MI 858
IND 532
CONSOM 365

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Ottubru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13275/23	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 17/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Ekonomija ċirkolari - It-tranżizzjoni min-naħa tal-Istati Membri miexja bil-mod minkejja l-azzjoni tal-UE" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fit-3973 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ottubru 2023.

**Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat
"Ekonomija ċirkolari - It-tranżizzjoni min-naħa tal-Istati Membri miexxa bil-mod minkejja l-
azzjoni tal-UE"**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali
mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 17/2023 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Ekonomija
ċirkolari - It-tranżizzjoni min-naħa tal-Istati Membri miexxa bil-mod minkejja l-azzjoni tal-
UE";
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u
JIRRIKONOXXI li huma kontribut importanti u utli biex jiġihaff il-progress lejn l-għan
komuni li l-ekonomija tiġi ttrasformata għal sistemi ċirkolari fil-produzzjoni u l-konsum;
3. JILQA', f'dak il-kuntest, l-adozzjoni f'Mejju 2023 mill-Kummissjoni ta' qafas ta' monitoraġġ
rivedut li jinkludi indikaturi addizzjonali li jikkontribwixxu għall-monitoraġġ tal-attivitajiet
tad-disinn tal-prodott, u JAPPOĠĠA aktar sforzi biex jimtlew il-lakuni fid-data rilevanti għal,
fost l-oħrajn, id-disinn tal-prodotti ċirkolari;
4. JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni li tanalizza l-ħtiġijiet ta' investiment għat-tranżizzjoni lejn
ekonomija ċirkolari għall-2030 u lil hinn bil-ħsieb ta' aktar żviluppi ta' politika u titjib fl-użu
tal-fondi;

¹ 7515/00 + COR 1.

5. JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni biex tivvaluta, flimkien mal-Istati Membri, jekk ir-regolamenti u l-linji gwida dwar il-Fondi Strutturali, u s-sorsi l-oħra kollha disponibbli ta' finanzjament, jiffaċilitawx u jinkoraġġixxux b'mod adegwat il-finanzjament ta' proġetti tul il-katina tal-valur kollha tal-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari fejn l-impatti ambjentali huma oġġ, u speċjalment fir-rigward tad-disinn ċirkolari, kif ukoll jekk strumenti ekonomiċi oħra għall-UE kollha jistgħux ikunu ta' benefiċċju f'dan ir-rigward;
6. JILQA' il-progress li sar s'issa fl-Istati Membri, filwaqt li JIRRIKONNOXXI li t-tranżizzjoni lejn ċirkolarità sħiħa tirrikjedi trasformazzjoni sistemika profonda tal-ekonomija u s-soċjetà, li tinvolvi l-katina tal-valur kollha u l-partijiet ikkonċernati kollha, b'attenzjoni speċjali għar-rwol tal-konsumaturi, u li l-punti tat-tluq u ċ-ċirkostanzi differenti tal-Istati Membri, bħall-użu ta' materja prima sekondarja, għandhom jitqiesu, inkluż meta jitkejjel il-progress;
7. JISTIEDEN lill-Istati Membri kollha biex jużaw il-fondi kollha disponibbli għall-investiment fiċ-ċirkolarità tul il-katina tal-valur kollha, u b'mod partikolari fejn l-impatti ambjentali huma oġġ, biex jaċċelleraw aktar il-progress, filwaqt li jqisu l-ispeċifità u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom stess;
8. JAPPELLA lill-Istati Membri biex ikomplu jsaħħu l-isforzi tagħhom fid-disinn tal-prodotti ċirkolari u biex iżidu ċ-ċirkolarità tagħhom;
9. IFAKKAR fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 "Pjan ta' Azzjoni għdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva"² li għandha l-għan li tapprofondixxi u twessa' l-ambitu tal-azzjonijiet dwar iċ-ċirkolarità, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċirkolarità fit-tfassil, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwarha "Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku"³;

² 6766/20 + ADD 1 - COM(2020) 98 final.

³ Konklużjonijiet adottati fis-17 ta' Diċembru 2020 (id-dokument 14167/20).

10. IFAKKAR ukoll, f'dan il-kuntest, fl-istrateġija tal-UE tal-2020 "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà: Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità"⁴, meħtieġa għal ċirkolarità sikura u sostenibbli skont kif ippjanat, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2021 dwar "Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni"⁵;
11. JINNOTA l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji⁶, JILQA' l-inizjattivi reċenti l-oħra, inkluż il-proposti leġislattivi, ippreżentati mill-Kummissjoni li jikkonċernaw l-aspetti differenti ta' ċirkolarità: mill-politika dwar l-ekodisinn u l-prodotti sostenibbli għall-politika dwar l-iskart, u JISTENNA B'INTERESS proposti ġodda mill-Kummissjoni biex jiġi żviluppat aktar il-qafas għal prodotti u skart ċirkolari, sikuri u sostenibbli, inklużi dawk diġà mħabbra;
12. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jsegwi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

⁴ 11976/20 + ADD 1 - COM(2020) 667 final.

⁵ Konklużjonijiet adottati fil-15 ta' Marzu 2021 (id-dokument 6941/21).

⁶ ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1–117.